**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 18 ta' Frar 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**

**Vs**

**Jesmond Portelli**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Portelli ta' 30 sena, bin charles u Carmen nee' Mangion, imwieled Pieta' fil-21 ta' April 1970 u residenti fi 30 Triq il-Kbira, Tarxien, bin-numru tal-karta tal-identita' 293770 (M);

Talli fit-30 ta' Settembru, 1999, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu id-droga heroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 tawsima tal-Ordinanza u meta ma' kienx bil-

licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma' kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-Droga Perikoluza (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fit-30 ta' Settembru, 1999, fiz-Zejtun, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' disghin lira maltin (Lm90) fi flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Emmanuel Spiter liema serq hu aggravat bil-vjolenza.

Ukoll talli huwa recediv b'sentenzi li saru definittivi moghtija lilu fl-24 ta' Settembru 1997 (Awla 3), fil-11 ta' Mejju 1998 (Awla 7) u tali kiser d-disposizzjonijiet ta' sentenza ta' prigunerija ghal sentejn sospizi ghal 4 snin moghtija lilu fil-11 ta' Mejju, 1998 (Awla 7) u tal-24 ta' Settembru 1997 li hija sentenza ta' prigunerija ta' ghaxar (10) xhur sospiza b'sentejn (2).

Wara illi li rat l-Artikoli 261 et seq, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-Droga Perikoluza (G.N. 292/1939);

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet il-provi prodotti u rat id-dokumenti ezebiti;

U wara illi hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi Jesmond Portelli hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi imputat ghal piena komplessiva ta' tmintax-il-xahar (18) prigunerija u tornda li din is-sentenza m'ghandix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, u l-Qorti qeghda taghti lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

MAGISTRAT.